

32007D0207

L 92/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

3.4.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-29 ta' Marzu 2007**

li temenda d-Deċiżjonijiet 2001/405/KE, 2002/255/KE, 2002/371/KE, 2004/669//KE, 2003/31//KE u 2000/45/KE sabiex tiġi mtawla l-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għal ċerti prodotti

(notifikata bid-dokument numru C(2007) 532)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/207/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-ekotikketta Komunitarja¹, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettjar Ekoloġiku,

Billi:

- (1) Il-kriterji ekoloġiċi stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/405/KE tal-4 ta' Mejju 2001 li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għall-prodotti ta' karta fina² jiskadu fl-4 ta' Mejju 2007.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/255/KE tal-25 ta' Marzu 2002 li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet³ tiskadi fil-31 ta' Marzu 2007.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/371/KE tal-15 ta' Mejju 2002 li tistabilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja lill-

¹ ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

² ĠU L 142, 29.5.2001, p. 10. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/384/KE (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 20).

³ ĠU L 87, 4.4.2002, p.53. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/384/KE (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 20).

- prodotti tessili u li temenda d-Deċiżjoni 1999/178/KE⁴ tiskadi fil-31 ta' Mejju 2007.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/669/KE tat-6 ta' April 2004 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja lill-friġġijiet u li temenda d-Deċiżjoni 2000/40/KE⁵ tiskadi fil-31 ta' Mejju 2007.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/31/KE tad-29 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-ġhoti tal-ekotikketta Komunitarja għad-deterġenti tal-magni għall-ħasil tal-platti u li temenda d-Deċiżjoni 1999/427/KE⁶ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/45/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-ġhoti tal-ekotikketta Komunitarja għall-magni tal-ħasil [tal-ħwejjeġ]⁷ tiskadi fil-30 ta' Novembru 2007.
- (7) B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, saret analiżi f'waqtha tal-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti b'dawk id-Deċiżjonijiet.
- (8) Fid-dawl tar-reviżjoni ta' dawk il-kriterji u rekwiżiti, fis-sitt każijiet kollha jkun xieraq li l-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti jiġi mtawwal għal perjodu ta' sena.
- (9) Peress li l-obbligu ta' reviżjoni prevista fir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jikkonċerna biss il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni u verifikazzjoni, huwa xieraq li d-Deċiżjonijiet 2001/405/KE, 2002/255/KE, 2002/371/KE, 2004/669/KE, 2003/31/KE u 2000/45/KE jibqgħu fis-seħħ.
- (10) Id-Deċiżjonijiet 2001/405/KE, 2002/255/KE, 2002/371/KE, 2004/669/KE, 2003/31/KE, 2000/45/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (11) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2001/405/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

⁴ ĠU L 133, 18.5.2002, p. 29.

⁵ ĠU L 306, 2.10.2004, p. 16

⁶ ĠU L9, 15.1.2003, p.11

⁷ ĠU L 16, 21.1.2000, p.74 Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/384/KE (ĠU L 127, 20.5.2005, p.20)

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti ta' karta fina, kif ukoll għar-rekwiżiti relatati ta' stima u verifika, għandhom jibqgħu validi sal-4 ta' Mejju 2008."

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2002/255/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tat-televiżjonijiet, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Marzu 2008."

Artikolu 3

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2002/371/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-prodotti tessili, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Mejju 2008.

Artikolu 4

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2004/669/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti friġġijiet, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Mejju 2008."

Artikolu 5

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2003/31/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 5

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-deterġenti tal-ħasil tal-platti, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2008."

Artikolu 6

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/45/KE jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sat-30 ta' Novembru 2008."

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni